# 33. Is-Sħab Qiegħed Jinġema'...

Is-sħab qiegħed jinġema',
u kesa' wiċċ is-sema
bi star l-aktar xehbieni,
u kollox sar sewdien;
u b'ħafna nar u beraq
is-sema qed jinferaq;
tar-ragħad u mad-damdim
isma' tar-riħ il-brim;
irwiefen kullimkien,
ta' ilma ġej dagħbien;
kollox sa jsir għadira,
ġejja taqliba kbira!

Ħamiema bajda żgħira,
erġa' malajr għad-dwejra;
x'int tagħmel f'dak is-swied?
mhux qagħdek f'nofs il-ġlied!
imbagħad wara t-taqlib
oħroġ mill-bejta, u ġib
fergħa żebbuġ ħadrana,
għajjat ma' kull indana;
"Wara tal-ġlied it-tmiem
ikollkom issa s-sliem!"